MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 440/2005

**Arthur Douglas Turner**

**Vs**

**Abbazia Company Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm194.11 (mija erbgha u disghin lira Maltin u hdax-il centezmu) dovuti ghal servizzi prefessjonali resi.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fid-19 ta’ Frar 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-14 ta’ Marzu 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------